MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2015

Numru. 989/2014

**Il-Pulizija**

**(Spetturi Jonathan Ferris u Roderick Agius)**

**vs**

**Raisa Borg**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` Raisa Borg, bint Eugenio u Isabelle Fenech, imwielda fit-12 ta' Novembru 1991 u residenti "Belgin", Triq l-Aħwa Galea, il-Mosta u detentriċi tal-karta tal-

identita` numru 0594191M fejn ġiet mixlija talli f'Mejju 2013 u fix-xhur u snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnha ukoll jekk fi żmien differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda :

1. Approprijat ruħha billi dawret bi profitt għaliha jew għal persona oħra somma ta' aktar minn €2329.37 taħt titolu li kien iġib miegħu obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnu kif speċifikat liema somma kienet ġiet fdata lilha minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, kariga jew servizz tagħha, għad-dannu tal-kumpanija S&M Marketing Limited u/jew id-Diretturi tagħha;
2. B'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu t'ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel li titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlet tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ bi ħsara tal- kumpanija S&M Marketing Limited u/jew id-Diretturi tagħha;
3. Talli mingħajr awtorizzazzjoni installat, neħħiet, bidlet, għamlet ħsara, ħassret, iddeterjorat, rażżnet, qerdet, varjat jew żiedet ma' xi data, software jew dokumentazzjoni t'appoġġ;
4. U talli kkommettiet serq ta' flus liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' €2329.37, bil-persuna, għad-dannu tal-kumpanija S&M Marketing Limited u/jew id-Diretturi tagħha;

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex minbarra li tapplika l-piena tordna lill-ħatja tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

Rat id-dokumenti eżibiti u l-atti processwali kollha.

Rat li matul il-kors tal-eżami tal-imputata ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali l-imputata stqarret li hija ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha skont kif speċifikat aktar 'il fuq.

Wara li rat l-Artikoli 392A(1) u 453(1) tal-Kodiċi Kriminali tat żmien qasir lill-imputata sabiex tirtira l-ammissjoni tagħha u wara li reġgħet staqsiet lill-imputata x'għandha xi tgħid dwar l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha, fil-preżenza tal-konsulenti legali tagħha, hija reġa' tenniet li kienet ħatja skont kif kienet tenna ftit qabel. Il-Qorti ħadet nota bil-miktub ta' din id-deċiżjoni tal-imputata fl-atti tal-kawża.

Il-Qorti semgħet ukoll ix-xiehda prodotti fuq talba tal-partijiet, fosthom lill-Ispettur Jonathan Ferris li ppreżenta diversi dokumenti kif ukoll lil Mark Bezzina, rappreżentant ta' SM (Marketing) Limited li minbarra li tenna li l-imputata kienet taħdem magħhom stqarr ukoll kif il-flejjes de

quo kienu jiġu meħuda minnha li kienu jlaħqu l-ammont ta' madwar tmenin elf euro, iżda li wara li sar arranġament bonarju mal-istess Raisa Borg, dawn l-ammonti kienu kważi tħalsu ħlief għal bilanċ ta' tliet elef, mija disa' u tletin euro tnejn u sebgħin ċenteżmu (€3,139.72).

Inoltre dan tenna li fil-frattemp kienu tant affezjonati mal-imputata li saħansitra ħallewha taħdem mal-kumpanija tagħhom minkejja l-akkadut.

Rat ukoll l-ordni tagħha sabiex id-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole jipprepara relazzjoni fl-isfond tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tat-13 ta' Frar 2015 Deborah Farrugia mill-Uffiċju tad-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole ippreżentat rapport verbali tagħha fejn ikkonkludiet li l-imputata hija kandidata idoneja sabiex tagħmel servizz fil-komunita' għalkemm ħasset li ma kienx hemm lok għall-estremi ta' superviżjoni.

Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet u ħadet konjizzjoni tal-argumenti tal-Prosekuzzjoni fis-sens illi

(a) f'dan il-każ l-imputat ikkopera bi sħiħ mal-Pulizija;

(b) kif ukoll il-flus kienu kważi ritornati lura lil sidhom fis-sens li l-imputata kienet ser tħallas il-bilanċ maqbul fl-ammont ta' tliet elef, mija disa' u tletin euro tnejn u sebgħin ċenteżmu (€3,139.72);

Il-Qorti semgħet ukoll l-argumenti tad-difiża fis-sens illi :

(a) fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ l-imputata rreġistrat ammissjoni mill-ewwel, fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri penali;

(b) li l-imputata għandha tingħata ċans aħħari sabiex tipprova tqum fuq saqajha stante li kienet qegħdha tħallas il-bilanċ rimanenti bil-mod u bi qbil mal-vitma tal-każ;

(c) l-imputata irrikonoxxiet li żbaljat – tant li l-vitmi żammewha taħdem magħhom kif ukoll li

(d) għandha fedina netta u kkoperat pjenament mal-Pulizija;

**<u>Ikkunsidrat : -</u>**

In vista tal-ammissjoni imtennija tal-imputata għall-imputazzjonijiet miġjuba kontriha kif speċifikati aktar 'il fuq, hija ma għandhiex alternattiva għajr li ssib lil imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha.

Il-Qorti tifhem li jista' jkun veru li dan il-każ tnissel minn mument ħażin li ħakem lill-imputata. Biss mill-banda l-oħra għandha l-fedina penali tagħha netta. Il-Qorti qieset ukoll ir-relazzjoni tal-Uffiċjal tal-Probation Deborah Farrugia.

Din il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ l-imputata għandha tpatti għal egħmilha mhux biss billi trodd lura lill-kumpanija il-flejjes kollha li ttieħdulha; iżda trid trodd ukoll lis-soċjeta' li hija offendiet bir-reati tagħha billi, inter alia tirrendi ruħha soċjalment utli u tagħmel għadd ta' siegħat ta' xogħol lil min hu fil-bżonn mingħajr ma titħallas tiegħu; u fl-istess ħin ma jkunx ta' aktar piż fuq is-soċjeta.

Il-gravita ta' dak li wetqet timmerita wkoll sentenza ta' priġunerija. Iżda fiċ-ċirkostanzi tal-każ, xejn anqas minħabba l-fatt li l-istess kumpanija vittimizzata tant għadha tafda lill-ħatja li saħansitra żammitha taħdem magħha, il-Qorti tqis li hemm lok li tali priġunerija tiġi imposta fil-forma sospiża tagħha. Dan jgħin mhux biss lis-soċjeta vittimizzata biex tassigura li l-ħatja tkompli taħdem għal-benefiċċju tagħha iżda wkoll biex l-istess ħatja tkompli tmur taħdem u b'hekk ikollha minnfejn tħallas lill-vitma tal-bilanċ kollu tal-flus meħuda minnha indebitament.

***<u>Għaldaqstant</u>***

il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 261(c)(d), 267, 268(d), 279(b), 280(1), 293, 294, 308, 309, 310(1)(a), 337C(g), 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali qegħda ssib lil Raisa BORG, fuq l-ammissjoni tagħha stess, ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha.

Kwantu għall-piena fir-rigward tal-ewwel, it-tieni u r-raba imputazzjonijiet ammessi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 28A(1), 28B, 28G u 28H tal-Kodiċi Kriminali qegħdha tikkundanna lill-ħatja għall-piena ta' sentejn priġunerija iżda tordna li din is-sentenza in kwantu għal piena ta' priġunerija m'għandhiex tibda' sseħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta' erba' snin mill-lum l-imputata tikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-ħatja r-responsabbilita tagħha mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li hija tikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1) tal-Kodiċi Kriminali qegħda b'żieda mal-piena aktar il-fuq inflitta tagħmel ordni ta' superviżjoni (hawnhekk

iżjed ′il quddiem imsejħa "ordni ta′ superviżjoni") li permezz tagħha tqiegħed lill-ħatja taħt is-superviżjoni t′uffiċjal sorveljanti għal perijodu ta′ sena millum.

Il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta′ superviżjoni kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma′ din is-sentenza u li f′każ li tonqos milli tikkonforma ruħha ma′ dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f′każ li tagħmel reat ieħor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza mogħtija lilha illum nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f′każ ta′ nuqqas t′adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Il-Qorti tordna li kopja ta′ din is-sentenza u tal-ordni ta′ superviżjoni bid-digrieti ta′ llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta′ Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal Sorveljanti biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħatja.

L-Uffiċjal Sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħatja kull sitt (6) xhur.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1A) tal-Kodiċi Kriminali, b′żieda mal-ordni ta′ supervizjoni hawn fuq imsemmija, wara li rat l-Artikoli 2, 7, 11 sa′ 14 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta′ Malta, il-Qorti qegħda tqiegħed lill-ħatja taħt ordni ta′ servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li tagħmel

xogħol bla ħlas għal mitt siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness.

A tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara wkoll li qabel ma emanat tali ordni, hija kienet fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' servizz fil-komunita kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li tagħmel reat ieħor hija, tista tingħata sentenza għar-reati li tagħhom instabet ħatja b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' servizz fil-komunita bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Uffiċjal Sorveljanti assenjat lill-ħatja kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Inoltre, fir-rigward tat-tielet imputazzjoni il-Qorti tikkundanna lil ħatja għall-multa ta' ħames mitt euro (€500).

A tenur ta' u wara li rat l-Artikoli 532A tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti qegħda tordna lil ħatja sabiex tħallas lil SM (Marketing) Limited is-somma ta' tliet elef, mija disa' u tletin euro tnejn u sebgħin ċenteżmu (€3,139.72) rappreżentanti l-bilanċ tal-ammonti ta' flus indebitament meħuda mill-ħatja mill-fondi tal-istess kumpanija.

Finalment il-Qorti tordna li *ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-Liġi.

***Mogħtija illum 16 ta' Marzu 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------